**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Galea)**

**vs**

**Annabelle Grech**
**Hubert David Grech**

**Illum tnax (12) ta' Novembru 2020**

**Kumpilazzjoni numru: 131/2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati **Annabelle Grech** detentrici tal-karta tal-identita` numru 0301375M u **Hubert David Grech** detentur tal-karta tal-identita` numru 0392473M fejn gew akkuzati talli fil-perjodu ta' bejn it-02 ta' Mejju 2017 u s-06 ta' Gunju 2017 f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti, maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi jew dispozizzjonijiet relatati tal-ligi, maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Bil-hsieb li jaghmlu hsara lil Sylvana Brannon (K.I. 100471M) akkuzawha b'reat quddiem awtorita' kompetenti u cioe` (i) Social Worker mahtura bhala espert tal-Qorti, kif ukoll (ii) permezz ta' telefonata lill-ufficjali tal-Agenzija Appogg "on call", b'reat filwaqt li kienu jafu li l-imsemmija Sylvana Brannon kienet innocenti, u dan meta l-akkuza falza kienet ta' delitt suggett ghall-piena ta' aktar minn sentejn prigunerija;

2. U aktar talli fl-istess zminijiet u lok, fi proceduri civili, wettqu attentat billi ppruvaw jikkorrompu lil Andreana Gellel, li hija xhud u persuna nominata mill-Qorti bhala espert gudizzjarju fil-kawza Civili, sabiex taghti xhieda falza u qarrieqa quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja);

3. U aktar talli fl-istess zminijiet u lok, fi proceduri civili, wettqu attentat billi ppruvaw iggieghlu lil Andreana Gellel, Social Worker mal-Agenzija Appogg, timmodifika r-rapport imhejji minnha u pprezentat fil-Qorti qabel ma taghti x-xhieda taghha f'dawk il-proceduri Civili u dan billi geghlu lill-imsemmija Gellel temmen li t-tfal ta' l-imsemmija Sylvana Brannon gew rezi suwicidjali b'rizultat tar-rapport imhejji minnha ghall-Qorti;

4. U aktar talli fl-istess zminijiet u lok, fi proceduri civili, bil-qerq, holqu jew geghlu jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra l-imsemmija Sylvana Brannon billi geghlu lil Andreana Gellel, xhud u

espert tal-Qorti, temmen li t-tfal tal-imsemmija Sylvana Brannon saru suwicidali b'rizultat tal-imgieba taghha u dan bil-hsieb li b'hekk dik il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;

5. U aktar talli fl-istess zminijiet u lok, fi proceduri civili, ma hallewx lix-xhud u espert gudizzjarja Andreana Gellel taghti t-taghrif jew provi mehtiega fi proceduri civili in konnessjoni mal-kariga taghha;

6. U aktar talli fl-istess zminijiet u lok, ingurjaw u ghamlu uzu ta' sistemi jew apparat ta' telekomunikazzjonijiet provduti minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma kienx dak li ghalih gie provdut, jew xort'ohra naqsu milli josservaw dawk l-istruzzjonijiet li jinhargu minn provditur awtorizzat ghall-uzu sew tas-sistema tat-telekomunikazzjonijiet jew taghmir jew ghamlu uzu minnu mhux sew mill-imsemmi apparat b'telefonati jew messaggi;

7. U aktar talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi ingurjaw lil imsemmija Sylvana Brannon permezz ta' diskors mahsub biex ihammgilha gieha, joffendiha u jtellef ir-reputazzjoni u d-dinjita' taghha.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tapplika espressament il-piena tal-interdizzjoni generali, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-hatja jservu bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja, u bhala perit, f'kull kaz li jkun hekk skond l-artikolu 109 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' ta' Sylvana Brannon (K.I. 100471M), jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familja taghha minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputati skond l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 u f'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-persuna offiza u l-familja taghha ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385, u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Fol. 9).

Rat l-atti kollha ta' dan il-prochediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet ix-xhieda kollha prodotti mill-prosekuzzjoni u l-parte civile.

Semghet id-difiza tiddikjara li l-imputati ma kinux sejrin jixhdu f'dawn il-proceduri.

Semghet il-kontro-ezamijiet tax-xhieda maghmula mid-difiza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-ufficjal prosekutur u tal-parte civile prezentata fl-erbatax (14) ta' Settembru 2020 (Fol. 386 et seq).

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat Hubert David Grech prezentata fl-erbatax (14) ta' Ottubru 2020 (Fol. 411 et seq)

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputata Annabelle Grech prezentata fl-ghoxrin (20) ta' Ottubru 2020 (Fol. 440 et seq).

**Ikkunsidrat:**

- **<u>Sintezi tal-Provi Migbura</u>**

**<u>L-Ispettur Matthew Grech</u>** (Fol. 29 et seq) xehed li huwa kien gie assenjat biex jinvestiga kwerela datata tmintax (18) ta' Ottubru 2018 spedita mill-Avukat Dr Tonio Azzopardi ghan-nom tal-klijenta tieghu Sylvana Brannon. Fil-kwerela kien gie allegat li bejn it-tnejn (2) ta' Mejju 2017 u sitta (6) ta' Gunju 2017, l-imputati Annabelle Grech u Hubert David Grech bil-hsieb li jaghmlu hsara lis-Sinjura Brannon, akkuzaw falz lill-istess Brannon kemm b'telefonata lill-ufficjal on call tal-Agenzija Appogg kif wkoll f'laqgha gewwa l-ufficini tal-Appogg mas-social worker Andreana Gellel. Gellel kienet giet mahtura bhala esperta tal-Qorti fi proceduri civili li kien hemm bejn il-kwerelanta u zewgha. Gie allegat wkoll li din il-laqgha kienet intiza biex tikkorrompi lil Gellel fl-inkarigu moghti lilha u sar tentattiv biex Gellel timmodifika r-rapport li hija kienet hejjiet b'rabta mal-inkarigu li kien gie moghti lilha mill-Qorti Civili. L-Ispettur kompla jghid li dwar dan kien anke sar rapport minn Brannon personalment fl-Ghassa ta' Rahal il-Gdid, liema rapport imbaghad gie riferit lill-Ghassa tal-Hamrun. L-Ispettur tkellem wkoll ma' Sylvana Brannon fejn din qaltlu li l-imputata kienet ohtha u Hubert David kien ir-ragel ta' ohtha.

L-Ispettur Galea kompla jixhed kif hu baghat ghal Andreana Gellel sabiex taghti l-verzjoni taghha. Hija ghamlet dan fil-presenza tal-Avukati tal-

Appogg. Gellel spjegat li hija kienet giet inkarigata mill-Qorti tal-Familja sabiex thejji rapport fuq kaz, liema rapport hija kienet ipprezentat fit-tnejn (2) ta' Mejju 2017. Mistoqsija jekk kinitx iltaqghet mal-imputati, Gellel wiegbet li ma setghetx tirrispondi ghall-mistoqsija minhabba s-sigriet professjonali. Pero wriet disponibbilita biex taghti informazzjoni jekk u meta hija tigi ezentata minn tali sigriet.

L-Ispettur baghat wkoll ghaz-zewg imputati li huwa gharaf fl-awla. It-tnejn pero ghazlu li ma jwegbux ghall-mistoqsijiet li sarulhom.

**<u>Dr Alexia Aquilina</u>** (Fol. 49 et seq) ipprezentat kopja tar-rapport li kien gie redatt mis-social worker Andreana Gellel fil-kawza fl-ismijiet Sylvana Brannon vs Trevis Brannon kif wkoll kopja tat-traskrizzjonijiet tax-xhieda li inghatat mill-istess social worker fl-atti ta' dik il-kawza.

**<u>Sylvana Brannon</u>** (Fol. 147 et seq) bdiet ix-xhieda taghha billi ikkonfermat il-kwerela u r-rapport maghmula minnha fil-konfront tal-imputati. Spjegat li l-avvenimenti li waslu ghall-kaz odjern kien li hija kienet f'relazzjoni ma' persuna ghal sentejn u hija kienet temmet din ir-relazzjoni minhabba sitwazzjoni abbuziva. Dan il-partner kien heddidha li se jghaddi ritratti personali taghha lill-eks ragel taghha biex jinstigah halli johdilha t-tfal. Kompliet tghid li hija ghamlet rapport lill-Vice Squad. Sussegwentement l-eks ragal taghha beda proceduri fil-Qorti tal-Familja abbazi ta' ritratti li huwa qal li sab fuq l-internet, u b'rizultat ta' dawn il-proceduri it-tfal ittiehdu minghand ix-xhud. Kompliet tghid li l-eks zewgha dawwar hafna nies kontra taghha, inkluz ohtha u r-ragel taghha, l-imputati odjerni. Bhala parti mill-proceduri civili li kienu ghaddejjin

bejn il-partijiet, kienet giet mahtura Andreana Gellel bhala social worker biex thejji rapport fuq il-kaz. Dan ir-rapport sar u x-xhud spjegat li dan kien kollu favur taghha. Fit-termini ta' dan ir-rapport, is-social worker kienet harget rakkomandazzjonijiet li kienu pjuttost drastici kontra l-eks ragel taghha.

Kompliet tghid li fl-erbgha (4) ta' Mejju 2017, Andreana Gellel telghet tixhed u spjegat li ohtha u ommha cemplu l-Agenzija Appogg u qalu li t-tfal taghha bdew juru tendenzi suwicidali b'rizultat ta' dan ir-rapport. Dan assolutament ma kienu minnu xejn u t-tfal (eskluz it-tifla) kienu qeghdin maghha u kienu kuntenti. Meta imbaghad xehed Travis Brannon fil-proceduri civili, irrizulta li kien hemm recordings bejn Andreana Gellel, Annabelle Grech u zewgha Hubert David Grech. Dawn ir-recordings kienu saru minn Hubert Grech. Dan kien gara wara li kien hareg ir-rapport ta' Gellel.

Sylvana Brannon kompliet tghid li ohtha u zewgha kienu marru jkellmu lis-social worker biex jghidulha kemm kienet hadet zbalji fir-rapport u biex jinfluwenzawha u jippruvaw jgeghluha tibdel ir-rapport.

Fit-tletin (30) ta' Gunju 2018, ix-xhud giet avvicinata mill-imputat Hubert David Grech. Huwa infurmaha bir-recording li kien sar tal-laqgha bejnhom u bejn Gellel. Fit-tlieta (3) ta' Lulju 2018, kien anke ghaddihielha kopja ta' dan ir-recording. Hija bdiet tisma r-recording u ghamlet it-traskrizzjoni tieghu. Minn hemm imbaghad hija kienet ghamlet ir-rapport u anke giet intavolata l-kwerela.

Fil-hamsa (5) ta' Lulju 2019 Sylvana Brannon regghet giet riprodotta biex tkompli tixhed (Fol. 337 et seq). Hija ipprezentat digriet moghti mill-Qorti tal-Familja li jindika li l-kompitu ta' Gellel kien li hija taghmel social report fuq it-tlett (3) itfal minuri u taghmel ir-rakkomandazzjonijiet lill-Qorti.

**<u>In kontro-ezami</u>** ix-xhud stqarret li fil-proceduri civili, Gellel telghet tixhed tlett (3) darbiet u li l-proceduri kienu ghadhom ghaddejjin. Mistoqsija jekk Gellel kinitx biddlet ir-rakkomandazzjonijiet li kienet ghamlet fir-rapport originali meta xehdet, il-parte civile ma tatx twegiba diretta ghal din il-mistoqsija. Sostniet pero li minn mistoqsijiet li kienu sarulha, Gellel kienet qalet li possibilment kienet tiddeciedi differenti. Mistoqsija b'mod specifiku jekk l-imputati kinux wassluha biex tbiddel xi decizjoni li Gellel kienet hadet, Brannon wiegbet li Gellel ma kinitx semmiet il-partijiet. Lanqas kienet qalet li iltaqghet maghhom. Kienet biss specifikat li meta kienet qieghda taghmel ir-rapport originali, ippruvat tiltaqa' mal-imputata Annabelle Grech. Izda din kienet irrifjutat li tiltaqa' maghha. Kien wara li hareg ir-rapport li Annabelle Grech kienet cemplet lil Gellel biex tkellimha u toffri l-influwenza taghha.

Mistoqsija jekk Gellel kellhiex taghmel monitoring, ix-xhud insistiet li l-inkarigu ta' Gellel kien biss li taghmel rapport bir-rakkomandazzjonijiet. Sussegwentement il-Qorti tal-Familja kienet talbet lill-Appogg biex tkompli taghmel monitoring fuq is-sitwazzjoni fid-dar rispettivi tal-partijiet permezz ta' vizti u ma kien hemm l-ebda inkarigu biex jigu mitkellma xi nies. Mistoqsija wkoll jekk hi u l-minuri Eva kinux bdew jattendu terapija tal-familja, ix-xhud wiegbet li din il-haga ma saritx.

Mistoqsija ghalfejn ma saritx, ix-xhud wiegbet li l-Imhallef tal-Qorti tal-Familja seta' jwiegeb ghal din il-mistoqsija u mhux hi.

**Andreana Gellel** (Fol. 287 et seq) xehdet li hija tahdem bhala leader u social worker fi hdan il-Court Services tal-Agenzija Appogg. F'Marzu 2017 il-Qorti tal-Familja kienet innominata sabiex taghmel assessment dwar il-familja ta' Silvana u Travis Brannon. Hija kienet hejjiet rapport li kopja tieghu jinsab fl-atti u gie konfermat minnha. Bhala parti mill-inkarigu taghha, hija kienet talbet li tiltaqa' ma xi nies u familjari. Kien hemm min accetta li jiltaqa' maghha u min le u hija imbaghad ipprocediet biex taghmel ir-rakkomandazzjonijiet taghha. Kompliet tghid li imbaghad kienu baghtu ghaliha l-Pulizija fejn staqsewha jekk kinitx ghamlet ir-rapport u jekk Annabelle Grech kinitx ghamlet kuntatt maghha. Kien hemm mistoqsijiet li setghet twiegeb u ohrajn le minhabba s-sigriet professjonali.

Mistoqsija jekk hija kinitx taf lill-imputata, ix-xhud wiegbet li hija kienet tafha ghaliex ghamlet zmien tahdem l-Agenzija Appogg. Pero ma kellhiex kuntatt dirett maghha. Kompliet tghid wkoll li fil-qasam fejn tahdem hi jinghad hafna kliem minn persuni differenti u jkun hemm hafna allegazzjonijiet. Dan jkun jirrikjedi li l-informazzjoni / allegazzjonijiet li jsiru min-nies li tiltaqa' maghhom jigu ezaminati anke billi jigu mitkellma l-persuni li kontra taghhaom jkunu saru dawn l-allegazzjonijiet.

In segwitu ghall-prezentata tar-rapport, ix-xhud spjegat li hija kienet iltaqghet mal-imputati fil-vesti taghha ta' espert tal-Qorti peress li kellha ordni mill-Qorti biex tibqa' taghmel monitoring tat-tfal u tal-ambjent fejn

jghixu. Fil-laqgha li hija kellna ma' Annabelle Grech, dak il-hin hija ma kinitx ghadha bis-sigriet professjonali ghaliex ir-rapport kien gia ipprezentat. Kompliet tistqarr li lejliet li kellha tixhed, Annabelle Grech kienet cemplet is-servizz tal-on call u qalet li t-tfal tal-koppja Brannon kienu inkwetati u ippanikjati fuq ir-rapport li kienet dahhlet u li setghu jaharbu jew jaghmlu hsara lilhom infushom. Din it-telefonata giet riferita lilha peress li hija kienet involuta fil-kaz. In vista li hija kellha direzzjoni mill-Qorti biex izomm ghajnejha fuq l-interess tat-tfal, Gellel spjegat li hija kienet iltaqghet ma' Annabelle Grech biex tigbor aktar dettalji fuq dak li kienet allegat peress li tali allegazzjonijiet kienu jikkoncernaw lit-tfal. Annabelle Grech kienet marret ghal din il-laqgha akkumpanjata minn zewgha. B'riferenza ghar-recording, ix-xhud indikat li s-sessjonijiet li jinzammu u t-telefonati ma jigux rekordjati u ghalhekk tali recording kienet ittiehed minghajr il-permess tal-Agenzija. Hija kienet saret taf ricentament b'dan ir-recording u kienet ghamlet rapport f'dan is-sens lis-superjuri taghha.

Ix-xhud spjegat wkoll li hija kienet ippruvat tiltaqa' mal-imputata Annabelle Grech u ommha qabel sar ir-rapport. Pero dawn kienu irrifjutaw li jiltaqghu maghha.

**<u>In kontro-ezami</u>** Gellel ikkonfermat li l-laqgha mal-imputati kienet saret fi hdan l-Agenzija Sedqa u li din kienet laqgha ufficjali. Ikkonfermat li meta jircievu allegazzjonijiet, huma dejjem jinvestigaw biex jaraw jekk hemmx kaz jew le. Dan ghaliex ikun hemm kazijiet fejn l-allegazzjonijiet isiru b'pika. Wahda mill-mezzi ta' verifika li jigu uzati huwa li l-informazzjoni li tkun ingabet minn persuna partikolari tkun konfermata

u imqabbla ma' dak li jghidu persuni ohra biex b'hekk l-informazzjoni tkun tista' tigi mgharbla.

Meta tkompla l-kontro-ezami taghha fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Frar 2020, ix-xhud ikkonfermat li meta hija tkun qed taghmel *assessment* jkun normali li jsiru laqghat ma' familjari u persuni importanti fil-hajja tat-tfal. Ikkonfermat wkoll li sa fejn kienet taf hi, kienet Annabelle Grech li kienet cemplet on call u mhux David Hubert Grech. David Hubert Grech kien akkumpanja lil Annabelle Grech ghal-laqgha li kienet inzammet.

Ix-xhud cahdet li hija giet mhedda biex tbiddel ir-rapport taghha. Kienu indikawlha biss li ma kinux kuntenti bil-kontenut tar-rapport. Hija cahdet wkoll li giet offruta xi flus biex tbiddel ir-rapport. Kompliet tispjega li Grech kienu oggezzjonaw ghall-kontenut tar-rapport ghar-raguni li skont huma dan ma kienx fl-ahjar interess tat-tfal dak iz-zmien. Ziedet tghid li d-diskors li intqal lilha ma giex sostanzjat bi provi jew dokumenti.

Fuq mistoqsija specifika jekk il-konversazzjoni mal-imputati waslithiex biex tbiddel xi parti mir-rapport taghha, ix-xhud ghamlitha cara li hija ma kienet biddlet xejn u ma kinitx giet mitluba taghmel rapport iehor.

**<u>In ri-ezami</u>**, Gellel sostniet li lil Annabelle Grech kienet tafha bhala kollega pero mhux personalment. Regghet spjegat li wara li gie prezentat ir-rapport taghha fit-tnejn (2) ta' Mejju 2017, kienet saret telefonata fuq l-on call tal-Appogg fejn saret allegazzjoni li t-tfal ta' Brannon kienu se jaharbu jew se jaghmlu hsara lilhom infushom. L-ghada x-xhud kellha tixhed quddiem l-Imhallef. Hija infurmatu bil-kontenut tat-telefonata u l-

Imhallef kien ordna li t-tfal kellhom jibqghu jigu segwiti. Ix-xhud kompliet tghid li hija kienet tkellmet mas-senior supervisor taghha u biex tingab konferma jekk it-tfal kinux vera f'perikolu, kienet ittiehdet id-decizjoni li issir il-laqgha ma' Annabelle Grech. Dan apparti kuntatti u investigazzjonijiet ohra li saru.

Ikkonfermat wkoll li meta kienet qed taghmel ir-rapport originali, kemm l-imputata kif wkoll ommha kienu irrifjutaw li jiltaqghu ma' Gellel. Ix-xhud sostniet li hija ma kinitx hassitha mhedda. Lil Annabelle kienet gibdtilha l-attenzjoni li l-informazzjoni li kienet tatha dak il-hin fil-laqgha kien messha tathielha qabel sar ir-rapport. Tenniet li hija tiltaqa' ma' hafna nies li ma jkunx joghgobhom l-assessment li jkun sar u jkunu jixtiequ li tinbidel il-verzjoni tar-rapport. Pero b'daqshekk ma jfissirx li r-rapport jkun sejjer jinbidel. Fil-kaz in ezami, ir-rapport fil-fatt ma kienx inbidel u lanqas ma kienu dahlu noti f'dan ir-rigward. Fuq mistoqsija specifika jekk hija hassithiex skomda tiltaqa' mal-imputati, ix-xhud wiegbet fin-negattiv. Enfasizzat biss li kienet qaltilhom li kien messhom tkellmu qabel biex tara jekk dak li kienu qeghdin jghidu kienx gustifikat jew le. Dan biex tkun tista' tirrediegi r-rapport taghha. Fil-punt pero li kellmuha r-rapport kien lest u ma regax kien hemm talba biex ikun hemm rapport iehor. Ghalhekk kien inutili li jkellmuha.

**<u>Ruth Sciberras</u>** (Fol. 319 et seq) xehdet li hija Direttur tal-Appogg li tahtha ghandha r-responsabbilita ta' diversi servizzi. B'riferenza ghall-kaz odjern, ix-xhud spjegat li hija ma kinitx taf bih u ma kinitx dahlet fih. Dan ghaliex xogholha huwa relatat mal-policy generali. Hija kienet dahlet fil-kaz wara li rceviet it-tahrika biex tixhed fuq dan il-kaz ghaliex direttament

ma kienet involuta f'xejn. Mistoqsija mill-Qorti jekk ikunx hemm follow-ups tar-rapporti tal-Qorti, ix-xhud wiegbet fl-affermattiv.

**WPS 145 Graziella Zammit** (Fol. 329) ikkonfermat li hija kienet xhud tal-istqarrija ta' Annabelle Grech.

**PC 751 Christian Mercieca** (Fol. 331)) xehed li huwa kien xhud tar-rifjut tal-jedd li kien inghata lill-imputata Annabelle Grech sabiex tkun assistita minn Avukat. Ix-xhud gharaf lill-imputata fl-Awla.

**PC 735 Tyron Cassar** (Fol. 333 et seq) xehed li huwa kien xhud tal-istatement ta' Hubert David Grech. Huwa gharaf lill-imputat fl-awla. Temm jghid li l-Ispettur kien ta lil Grech id-drittijiet tieghu kollha.

**WPC 405 Kimberly Axisa** (Fol. 335 et seq) xehdet li hija kienet xhud tal-istqarrija ta' Adriana Gellel.

**Ikkunsidrat:**

**Fatti specie tal-kaz**

Mill-atti hareg car li bejn il-parte civile Sylvana Brannon u l-eks ragel taghha Travis Brannon ghaddejjin proceduri quddiem il-Qorti tal-Familja. F'dawn il-proceduri jidher li hemm animosita mhux zghira bejn il-partijiet u l-proceduri huma kumbattuti ferm. Din l-animosita ta' bejn il-koppja jidher li kellha *spill over* effect fuq membri ohra tal-istess familja tal-parte civile, li spiccaw wkoll involuti fil-battibekki ta' bejn il-koppja b'mod li l-

parte civile u l-membri tal-familja taghha mhumiex *on good terms*. Infatti l-parte civile u l-imputata Annabelle Grech huma ahwa u Hubert David Grech kien ir-ragel ta' Annabelle Grech.

Il-kaz kollu beda wara li Andreana Gellel, social worker tal-Appogg, kienet giet nominata biex taghmel rapport fuq il-familja Brannon, b'mod partikolari fejn jidhlu t-tfal minuri tal-koppja Brannon. Ir-rapport gie konkluz u prezentat il-Qorti. Gara li dan ir-rapport gie a konoxxenza tal-imputati, li xejn ma hadu gost bil-kontenut tieghu. L-imputati talbu li jiltaqghu ma' Gellel fejn ipprotestaw maghha dwar il-kontenut ta' dan ir-rapport. Din il-laqgha giet irrekordjata ad insaputa tal-istess Gellel u tad-direzzjoni tal-Appogg. Sussegwentement imbaghad zviluppaw problemi fir-relazzjoni ta' bejn iz-zewg imputati. L-imputat Hubert David Grech informa lill-parte civile bir-recording li kien ittiehed u ghaddhiela kopja tieghu. Abbazi tal-kontenut tar-recording imbaghad inbdew il-proceduri odjerni fuq talba ta' Sylvana Brannon.

**Ikkunsidrat:**

Qabel mal-Qorti tghaddi sabiex tezamina fid-dettal l-imputazzjonijiet li gew dedotti fil-konfront tal-imputati u jekk dawn jirrizultawx jew le, din il-Qorti thoss li ghandha taghmel zewg rimarki generali li huma rilevanti ghall-kaz odjern.

- **<u>Il-Livell tal-Prova Rikjest</u>**

Kuntrarjament ghall-kamp civili fejn min iressaq pretensjoni ikun irid jipprova tali pretensjoni fuq bilanc ta' probabiltajiet, il-livell ta' prova fil-kamp kriminali huwa wiehed pjuttost oneruz fuq il-Prosekuzzjoni. Il-Prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li hija tressaq l-ahjar prova biex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat jew imputati huma veri. Dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890): *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit"*.

Kif kellha l-opportunita` tiddikjara din il-Qorti kif preseduta f'sentenzi precedenti taghha, sabiex imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 il-Qorti taghmilha car li mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*. F' sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-

Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Ghall-Prosekuzzjoni u l-parte civile l-prova madre f'dawn l-proceduri kien l-audio recording li gie prezentat fl-atti. Infatti l-kwerela li saret lill-Pulizija Ezekuttiva kienet bazata fuq dan l-istess recording. Anke n-nota ta' sottomissjonijiet tal-parte civile tikkwota b'mod estensiv minn dan ir-recording sabiex isahhah it-tezi taghha. Huwa ghalhekk essenzjali li jigi ezaminat il-punt tal-ammissibilita u l-livell probatorju ta' dan l-audio recording peress li dan il-punt huwa centrali ghal dan il-kaz.

- **<u>L-Ammissibilita tal-Audio Recording bhala Prova u l-Valur Probatorju Tieghu</u>**

Mill-atti hareg li r-*recording* sar ad insaputa tas-social worker Andreana Gellel kif wkoll tal-Agenzija Appogg. Infatti bhala prassi laqghat li jinzammu fi hdan l-Agenzija Appogg ma jigux rekordjati b'xi mod awdjo

viziv jew inkella xi mod iehor. F'certu cirkostanzi jittiehdu biss minuti tal-laqghat li jkunu inzammu.

Il-fatt pero li r-recording in kwistjoni ittiehed bil-mohbi tas-social worker u tal-Agenzija Appogg per se ma jirrendihx inamissibbli. Is-sistema legali taghna ma jidhirx li thaddan it-teorija legali Amerikana tal-*forbidden fruit* fis-sens li jekk prova tkun mehuda illegalment, tali prova ghandha tigi skartata kompletament minkejja li tista' tkun rilevanti ghall-kaz. Din il-posizzjoni issib komfort minn dak li kienet ikkummentat il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-tlieta (3) ta' Mejju 2000 fil-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs Meinrad Calleja**:

> *"Issa, apparti li ma hemmx prova – jew, jekk hemm, din ma ingabitx a konjizzjoni ta' din il-Qorti fil-kors tat-trattazzjoni orali – li r-registrazzjoni saret bi ksur ta' xi ligi, anke li kieku kien hekk (jigifieri li r-registrazzjoni saret bi ksur tal-ligi) dan ma jfissirx li dik ir-registrazzjoni ma hix ammissibbli bhala prova. Il-gurisprudenza kostanti tal-qrati taghna kienet dejjem li prova hi ammissibbli minkejja li biex wiehed jikseb dik il-prova tkun inksiret xi ligi ohra, u dan konformement mar-regola tal- "common law" Ingliza in materja (ara f'dan is-sens Il-Pulizija v. Grezzju Spiteri, App. Krim. 8/3/84; ara wkoll P. v. Josephine Bonello, App. Krim. 16/10/42 u s-sentenzi citati f'Harding's Recent Criminal Cases Annotated, Malta, 1943, p. 198). Din il-Qorti taghmel referenza in partikolari ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Ingliza tal-15 ta' Marzu, 1968 fejn gie ritenut illi "recordings of conversations obtained through telephone tapping by private individuals are admissible in evidence" (R. v. Senat and Sin, 52 Crim. App. R. 282).*

*Minkejja li fl-Ingilterra il-'Police and Criminal Evidence Act, 1984' tat espressament il-qrati diskrezzjoni li jistghu, f'certi kazi, jeskludu provi "obtained improperly or by trick" (ara l-Artikolu 78 ta' dik il-ligi), ir-regola generali ghadha li "evidence obtained unlawfully, improperly or unfairly is admissible as a matter of law" (Blackstone's Criminal Practice, 1991, pagna 1689, para. F.2.6). Fi kliem Lord Chief Justice Goddard fil-kaz Kuruma, son of Kaniu v. The Queen (1955) AC 197: "... ... the test to be applied in considering whether evidence is admissible is whether it is relevant to the matters in issue. If it is, it is admissible and the court is not concerned with how the evidence was obtained. While this proposition may not have been stated in so many words in any English case, there are decisions which support it, and in their Lordships' opinion it is plainly right in principle." (p. 203).*

*"Din il-Qorti tara li ghal dak li jirrigwarda l-ammissibilità ta' prova miksuba illegalment, din hi wkoll il-posizzjoni taht il-ligi taghna. Kif inghad mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tad-19 ta' Jannar, 1996 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Eugenio sive Genio Gaffarena: "fis-sistema taghna dik li hija komunement imsejjha bhala l-'Exclusionary Rule' fl-Amerika, ghad m'hijiex radikata u r-regola generali fis-sistema taghna hija li provi illi jkunu gew ottenuti b'mod censurabbli fuq skala kemm morali kif ukoll possibilment anke legali, xorta huma ammissibbli." « Jizdied jinghad li fl-Ingilterra, minkejja l-Att tal-1984 aktar 'il fuq imsemmi, il-House of Lords fil-kaz R. v. Khan (Sultan) (1996) 3 WLR 162, "upheld the decision of the Court of Appeal that evidence obtained by a bugging device, attached by the police to a private house without the knowledge of the owner or occupiers, as*

*admissible and should not have been excluded under section 78 ... ... The crime being investigated was one of great gravity; in the circumstances the invasion of privacy, with attendant trespass and damage, was outweighed by the lack of pressure or oppression by the police, the absence of incitement, the fact that the defendant had not been arrested and the existence of a tape recording of the conversations" (ara Archbold, 1997, para. 15–503)."*

*"Din il-Qorti tirribadixxi illi f'dan il-kamp, il-ligi taghna ma tistax tigi ekwiparata ma' ligijiet ohra fejn il-principju huwa divers u fejn il-gurisprudenza segwiet linji kompletament opposti ghal dawk nostrani. Tirrepeti in oltre li dik l'hekk imsejha 'exclusionary rule' li tezisti f'certi gurisdizzjonijiet hija aljena ghas-sistema ... ... Similment, l-appellant qieghed jissottometti illi "l-Prosekuzzjoni qed titlob lill-Qorti bhala istituzjoni legali, li f'dan il-process legali, tikser il-ligi u tkun kompartecipi f'dan il-ksur tal-ligi, jew li tissana ksur ta' ligi." Apparti milli, kif tajjeb osservat l-Ewwel Onorabbli Qorti, din l-allegazzjoni l-appellant qieghed jaghmilha minghajr ma almenu ressaq hjiel ta' prova jew indikazzjoni ta' prova illi dak li sar, sar illegalment da parti tal-awtorità tal-pulizija, jigi osservat illi l-bazi tal-eskluzjoni mis-sistema taghna tal-'exclusionary rule' huwa proprju r-rifjut tas-sistema taghna illi jallaccja l-valur probatorju u l-ammissibilità ta' prova mal-mod kif tkun giet ottenuta hlief ghal dak li jirrigwarda konfessjonijiet da parti tal-akkuzat li huma regolati specifikatament u differentement mill-Kodici. Fuq dan l-aspett legali, din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza taghha in re Repubblika ta' Malta v. Eugenio sive Genio Gaffarena deciza fid-19 ta' Jannar, 1996. » In kongunta ma' dak appena*

*osservat, fid-decizjoni in re Repubblika ta' Malta v. Ibrahim Ramandan Ghamber Shnishah (Qorti ta' Appell Kriminali, 26 ta' April, 2001) inghad illi, "Kull dokument (u kull prova) li permezz tieghu (jew taghha) parti jew ohra tista' taghmel prova ta' dak li gara jew ma garax riferibbilment ghall-«facts in issue» – jigifieri kull dokument (jew prova) li jaghmel (jew taghmel) "more or less probable a fact in issue" – hu (hi) ammissibbli in kwantu relevanti, kemm-il darba ma jkunx hemm xi regola tal-ligi, jigifieri «an exclusionary rule of evidence», li jirrendi dak id-dokument (jew dik il-prova) inammissibbli." Dan ikompli jsahhah l-osservazzjoni maghmula precedentement illi l-legislatur Malti jimpurtah aktar mir-rilevanza ta' l-evidenza u x'jista' jkun il-kontribut ta' l-istess evidenza ghall-kaz, milli l-forma taghha jew kif l-evidenza tigi akkwistata jew ottenuta."*

Stabbilit il-fatt li dan recording jista' jitqies bhala prova minkejja l-mod ta' kif ittiehed dan ir-recording, jonqos li dan ir-recording jigi ezaminat bhal kull prova ohra. Dan biex anke jigi stabbilit jekk tali prova tilhaqx il-livell probatorju rikjest sabiex tinstab htija. Kif gie rilevat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz **<u>Repubblika ta' Malta vs David sive David-Norbert Schembri</u>**:

*"il-parti li tkun trid tipproduci recording jew film trid tissodisfa lill-Imhallef togat li hemm prima facie case li dak **<u>ir-recording ikun awtentiku</u>** u li jkun jista' jitfiehem bizzejjed biex jitpogga quddiem il-gurati. **<u>Il-provi ikunu jridu juru w jiddeskrivu l-provenjenza w l-istorja tar-recording sal-mument li jkun gie esebit il-Qorti</u>**. (R.v.*

*Robinson and Harris; [1972] All ER 699, [1972]1 WLR651 u Butera v DPP (1987) 164 CLR 180. p.184)".*[1]

Din l-idea jikkonfermaha wkoll l-Archold fejn jistqarr li tape recordings ghandhom jigu meqjusa bhala kull dokument iehor: *"so long as a tape recording* ***is proved to be accurate and authentic*** *it is admissible."*

Fid-dawl tal-premess kien ghalhekk rikjest li l-Prosekuzzjoni u l-parte civile jippruvaw: (a) l-korretteza tar-recording; (b) li jigu identifikati l-vucijiet fl-istess recording; (c) u li l-evidenza kontenuta hija rilevanti ghall-kaz. Apparti minn hekk irid jigu ippruvat wkoll x'kienet l-istorja ta' din il-prova partikolari (chain of custoday) qabel ma waslet ghand il-Qorti u jekk effettivament din il-prova setghetx giet kontaminata jew le. Dan kollu da parti tal-Prosekuzzjoni u l-parte civile ma sarx. Ibda biex it-traskrizzjoni tax-xhieda saret mill-parte civile stess u mhux minn espert tal-Qorti. Ma kien hemm l-ebda esenzjoni da parti tad-difiza biex it-traskrizzjoni titqies bhal li kieku kienet saret minn espert tal-Qorti. Fit-tieni lok, il-vucijiet fl-istess recording baqghu qatt ma gew identifikati bil-preciz. Infatti ma tqabbad l-ebda espert biex jezamina dan ir-recording u jipprova jidentifika bil-preciz (anke possibilment permezz ta' ezami komparattiv) il-lehen tal-persuni li jinstemghu f'dak ir-recording. Il-parte civile u l-Prosekuzzjoni assumew li l-vucijiet li jinstemghu fir-recording kienu dawk tal-persuni indikati fit-traskrizzjoni maghmula mill-parte civile u waqfu hemm. Andreana Gellel li suppost kienet prezenti ghal din

[1] Deciza 31 ta' Mejju 2007 (Att tal-Akkuza 1/2006).

il-laqgha lanqas biss giet mistoqsija jekk hija taghrafx lehinha f'dal ir-recording. Dan idghajjef ghal kollox il-livell probatorju tar-recording.

In oltre, ir-recording jidher li gie mghoddi mill-imputat Hubert David Grech lill-parte civile. Il-Qorti qed tuza l-kelma "jidher" ghaliex ma ingabitx prova li effettivament il-messaggi in kwistjoni fejn jinghad li kien sejjer jghaddi dan ir-recording intbaghtu minghand l-imputat Hubert David Grech. In-numru tal-mobile li gie indikat fic-chats esebiti ma gie fl-ebda hin abbinat mal-istess imputat bhala li kien tieghu. Lanqas ma tressqet xi prova minghand xi provditur tas-servizz li jabbina tali numru mal-istess imputat. Apparti minn hekk, ir-recording ma giex ezaminat biex jigi stabbilit kif kien verament ittiehed, jekk kienx recording originali jew kopja u jekk kienx fih xi editing. Dan jitfa' dubji fuq it-trasparenza, il-korretteza u l-awtenticita tal-prova. Dan kien aktar essenzjali li jsir meta jidher li bejn meta sar ir-recording u meta dan gie mghoddi lill-parte civile kienet ghaddiet aktar minn sena! Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti sejra tiskarta kompletament din il-prova tar-recording.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-IMPUTAZZJONIJIET</u>**

**<u>L-Ewwel Imputazzjoni –</u>**
**<u>Il-Kalumnja Verbali jew Diretta (Artikolu 101 tal-Kap 9)</u>**

L-artikolu 101 tal-Kodici Kriminali jattribwixxi responsabbilita kriminali lil kull minn: *"bil-ħsieb li jagħmel ħsara lil xi persuna, jakkuza lil dik il-persuna quddiem awtorità kompetenti b'reat, filwaqt li jkun jaf li dik il-persuna hija*

*innocenti."* Komunement dan ir-reat huwa magħruf bħala dak tal-kalumnja verbali jew diretta. B'riferenza għal dan ir-reat fin-noti tiegħu l-Professur Mamo jgħallem li *"such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority."*

L-elementi ta' dan ir-reat huma prattikament tnejn:

(a) ir-rapport falz jew id-denunzja falza, liema rapport u denunzja jridu jkunu tali illi abbazi tal-istess, azzjoni kriminali tista' tittieħed jew tkun ittieħdet fil-konfront tal-persuna jew persuni falzament akkuzati; u

(b) L-intenzjoni tal-persuna li hija tagħmel ħsara lill-persuna jew persuni illi jiġu akkuzati inġustament;

F'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) fis-sebgha (7) ta' Novembru 1949 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Vincenzo Attard**, il-Qorti kienet ikkummentat li: *"Biex ikun hemm ir-reat ta' falza denunzja hemm bzonn li d-denunzja falza tkun dwar delitt jew kontravvenzjoni li jaghtu lok ghal azzjoni kriminali persegwibbli quddiem il-Qorti ta' Gustizzja Kriminali."*

F'sentenza ohra fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Seychell**[2] kompja jingħad li: *"L-akkuza jew denunzja, ghall-finijiet tal-kalunja ma tirrikjedi ebda formalita partikolari; l-unika haga li hi rikjesta hi li dik l-akkuza jew denunzja issir quddiem*

[2] Deciza fis-sbatax (17) ta' Ottubru 1997 mill-Qorti tal-Appell Kriminali

*awtorita kompetenti, jigifieri awtorita' li ghandha is-setgha li tipprocedi biex tinvestiga u eventwalment tressaq il-Qorti lil dik il-persuna li tkun allegatament ikkomettiet dak ir-reat."* Dan ġien ribadit wkoll f'sentenza aktar ricenti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Doreen Zammit** deciza fil-hmistax (15) ta' Gunju 2001 fejn il-Qorti qalet li: *"Kull ma jirrikjedi l-artikolu 101 (reat ta' kalumnja) huwa l-att materjali tar-rapport lill-awtoritajiet kompetenti, u l-element formali fis-sens li min ghamel dak ir-rapport kontra persuna fejn akkuzata b'reat, kien jaf li dik il-persuna fil-fatt ma kenitx ghamlet dak ir-reat, bil-konsegwenza naturali li tali agir effettivament iwassal sabiex tigi kagjonata hsara lill-persuna rapportata. Kif dejjem gie ritenut, wiehed huwa tenut dejjem responsabbli ghall-konsegwenzi naturali ta' dak li intenzjonalment u volontarjament jaghmel."*[3]

Ghalkemm is-social worker u l-Agenzija Appogg jistghu jitqiesu li huma awtoritajiet kompetenti li ghandhom is-seta' jinvestigaw kazijiet (b'mod partikolari fejn jidhlu minuri) u jirreferu l-kaz lill-Pulizija Ezekuttiva ghall-passi opportuni li jistghu jittiehdu, fix-xhieda taghha quddiem din il-Qorti is-social worker Andreana Gellel ma tindikax li l-imputati attribwew xi reat jew reati partikolari lill-parte civile. Sempliciment l-imputati kienu gergru fuq il-kontenut tar-rapport taghha u sosntew (tal-anqas l-imputata Annabelle Grech) li t-tfal tal-parte civile kienu sejrin jaharbu jew jaghmlu hsara lilhom infushom.[4] Dan in vista tal-kontenut tal-istess rapport li kienet ghamlet Gellel. Jigifieri mas-social worker Andreana Gellel, l-imputati bhala fatt ma akkuzawx lill-parte civile b'xi reat partikolari. Dan skont ma jirrizulta mix-xhieda tal-istess Gellel, sia in ezami kif wkoll in kontro-ezami. Lanqas ma ingabet prova sodisfacenti

[3] Ara wkoll sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Marica Muscat deciza fit-tnax (12) ta' Dicembru 2011 (Kaz Nru 279/2008).
[4] Fol. 371 tal-process.

dwar it-telefonata lis-sezzjoni on call tal-Appogg: min rcieva t-telefonata baqa' ma xehedx f'dawn il-proceduri u ghalhekk il-kontenut ta' din it-telefonata baqa' mhux not. Ghalhekk li ma jistax jinghad jekk f'dik it-telefonata gewx attribwiti xi fatt jew fatti lill-parte civile li seta' kellhom import kriminali. Din il-Qorti ghalhekk mhijiex sodisfatta li l-elementi ta' din l-imputazzjoni gew pienament sodisfatti.

**It-Tieni Imputazzjoni –**
**Is-Subornazzjoni ta' Xhud (Artikolu 102 tal-Kap 9)**

F'din it-tieni imputazzjoni, l-imputati qeghdin jigu akkuzati li huma ippruvaw jikkorrompu l-esperta gudizzjarja tal-Qorti Andreana Gellel. Mid-dicitura ta' din l-imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni u l-parte civile qeghdin ghalhekk jeskludu li Gellel giet korrotta u tat xhieda falza jew ghamlet perizja falza: kien biss attentat. Il-Mamo jispjega li f'kazijiet fejn ikun hemm attentat ta' subornazzjoni ta' xhud, is-sanzjoni penali tiskatta *"where the attempt is made by means of threats, gifts or promises."*[5] Dan jikkonfermah wkoll il-Maino meta jikkummenta li: *"La subornazione seguita da effetto e punita in qualunque forma sia avvenuta, semprecche le istigazioni del subornatore siano state la causa determinante del reato principale . . . . **quella non seguita da effetto e punita solo se commessa mediante minaccie, doni o promesse**."*[6] Applikati dawn il-principji legali ghall-fatti in kawza, il-Prosekuzzjoni u l-parte civile ma gabu l-ebda prova li kien hemm xi forma ta' theddid, rigali jew weghdi da parti tal-imputati fil-konfront ta' Gellel biex b'xi mod jippruvaw jikkundizzjonaw ix-xhieda taghha. Anzi dan

[5] Mamo A., Vol II, Notes on Criminal Law, pagna 75.
[6] Maino art 218, para 1131

kollu gie eskluz bl-aktar mod skjett mill-istess Andreana Gellel. L-imputazzjoni ghalhekk ma tirrizultax.

Jekk il-parte civile sabet oggezzjoni dwar il-laqgha li kellha Gellel mal-imputati, hija kellha tressaq dawn l-oggezzjonijiet quddiem il-Qorti Civili kompetenti li innominata u mhux tipprova tattakka l-mod ta' kif imxiet Gellel f'dawn il-proceduri penali, fejn di piu Gellel lanqas biss hija akkuzata. Minn ezami tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-parte civile u l-prosekuzzjoni, aktar hemm attakk u sottomissjonijiet fil-konfront ta' Gellel milli fil-konfront tal-imputati meta fl-ahhar mill-ahhar il-process odjern kien jirrigwarda l-imputati Grech u l-imputazzjonijiet gew addebitati lilhom!

**<u>It-Tielet Imputazzjoni –</u>**
**<u>L-Otteniment ta' Dokument Falz (Artikolu 103 tal-Kap 9)</u>**

It-tielet imputazzjoni dedotta tirreferi ghall-artikolu 103 tal-Kap 9 li jattribwixxi responsabbilita kriminali ghal min igieghel li jsir jew xjentement igib dokument falz. L-allegazzjoni hija li l-imputati geghlu lil Gellel timmodifika r-rapport taghha biex idahhal affarijiet li fil-verita kienu foloz. Kif gia sottolineat aktar qabel, Gellel spjegat biss li l-imputati kienu gergru maghha fuq il-kontenut tar-rapport. Fl-ebda hin hija ma kienet imgieghla li tbiddel ir-rapport biex ir-rapport jkun jirrifletti xi haga li ma kinitx minnha. Kif tghid Gellel mir-rapport hija ma biddlet xejn u

lanqas ma hasset li kellha tibdel.[7] Din il-Qorti ghalhekk ma tarax kif tista' issib htija fl-imputati ghal din l-imputazzjoni.

**Ir-Raba' Imputazzjoni –**
**Il-Kalunja Reali jew indiretta (Artikolu 110(1)tal-Kap 9)**

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs David Mizzi**[8] deciza mill-Onor. Imhallef Vincent DeGaetano spjegat fid-dettal u b'mod tajjeb hafna l-import tal-artikolu 110. B'riferenza ghas-sub-inciz (1) ta' dan l-artikolu l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet irrimarkat li:

> *"ir-reat ikkontemplat fis-sub-artikolu (1) tal-artikolu 110 tal-Kodici Kriminali hu dak tal-kalunja reali jew indiretta u jiddistingwi ruhu mill-kalunja verbali jew diretta ikkontemplata fl-artikolu 101 billi jirrikjedi li l-agent, ikun, b'qerq, materjalment holoq, jew materjalment gieghel li jidher li hemm bhala prova kontra persuna ohra. Kemm fil-kalunja diretta kif wkoll f'dik indiretta, l-element formali tar-reat jikkonsisti filli wiehed ikollu l-hsieb li jaghmel hsara lil persuna ohra, billi jaghmel mill-gustizzja strument ta' ingustizzja kontra dik il-persuna l-ohra. Fi kliem iehor ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(1) mhux bizzejjed is-semplici kliem, migjuba bil-fomm jew bil-miktub, li permezz taghhom wiehed dolozament jakkuza persuna quddiem awtorita` kompetenti b'fatti ammontanti ghal reat meta jkun jaf li dik il-persuna hi innocenti, izda hu mehtieg li jinholqu tracci jew indizji materjali bil-hsieb li dawn ikunu jistghu jintuzaw kontra dik il-persuna."*

[7] Fol. 366 tal-process.
[8] Deciza fis-16 ta' Frar 1998.

B'rabta ma' dan is-sub-inciz il-Professur Mamo fin-noti tieghu jikkummenta: *"The constituent elements of this crime emerge clear from its definition. The material element consists in fabricating that is, as the law says, falsely causing any fact to exist or appear to exist which may be used as evidence of a criminal offence against an innocent person. The intentional element consists in the intent on the part of the agent to procure that the person be unjustly convicted of or charged with the offence . . . . Whereas, however, in the case of the calumnious accusation properly so called i.e the crime under Section 99 [now section 101] such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority, in the case of this indirect form of calumnious accusation the crime cannot be said to be completed until the fact or circumstance of fact falsely caused to exist or to appear to exist as aforesaid, becomes known to the competent authority."*[9]

Din il-Qorti kif preseduta fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Luigi Duca** deciz fil-hamsa (5) ta' Ottubru 2018 kienet irrimarkat wkoll li: *"mid-dicitura tal-ligi jidher illi dina il-forma ta' kalunja [cioe` ir-reat kontemplat taht l-artikolu 110(1)] trid twassal ghal kundanna tal-persuna li hija akkuzata ingustament b'reat abbazi ta' dawn il-provi foloz li ikunu gew fabbrikati."*[10]

Mill-kaz in ezami u mill-provi li tressqu minn imkien ma irrizulta li inholqu xi tracci jew indizji materjali ta' reat. Kullma kien hemm kienet laqgha li saret bejn l-imputati u s-social worker Andreana Gellel. Gellel ma giet mghoddija l-ebda dokumenti, provi jew xi indizji materjali ohra

[9] Mamo. A., Notes on Criminal Law, Vol. II, pagna 58
[10] Pagna 22 tas-sentenza.

fil-kors ta' din il-laqgha li setghu b'xi mod intuzaw kontra l-parte civile. Andreana Gellel tistqarr – u dan huwa anke rikonoxxut mill-Prosekuzzjoni u l-parte civile fin-nota taghhom[11] – li *"fl-ebda hin ma tawni provi jew dokumenti li jsostnu dak li qeghdin jghidu."*[12] Kull ma kien hemm kienet biss diskurstata li saret bejn l-imputati u s-social worker minghajr ma gie prodott xejn min-naha tal-imputati. Ghalhekk l-elementi materjali ta' dan ir-reat lanqas ma jirrizulta u l-Qorti ma tistax issib htija.

**<u>Il-Hamis Imputazzjoni –</u>**
**<u>Ostakolu lil Xhud sabiex Jixhed (Artikolu 111(1) tal-Kap. 9)</u>**

Il-hames imputazzjoni li qieghda tigi addebitata lill-imputati hija li huma ma hallewx lil Andreana Gellel taghti t-taghrif jew provi mehtiega fil-proceduri civili in konnessjoni mal-inkarigu taghha. B'riferenza ghal dan ir-reat, Falzon fil-kummentarju ghall-Kodici Kriminali taghna jinnota li: *"che tra i principali requisiti di questo reato sia la coazione fisica o morale di una person a non dare la necessaria prova in una causa dimodoche risultando non esservi stato un atto bastevole ad impedire la prova o non essendo necessaria la prove che si volesse impedire per la giusta definizione della causa sia civile che criminale, non ci sara luogo a precedimento per tale reato."*[13] Huwa car ghalhekk li element essenzjali ta' dan ir-reat huwa li irid ikun hemm xi forma ta' pressjoni sia fizika jew morali biex ix-xhud ma jaghtix id-deposizzjoni tieghu.

---
[11] Fol. 397 tal-process.
[12] Fol. 366 tal-process.
[13] Falzon A. p. 238

Ghal darba ohra l-atti huma ghal kollox sajma mill-provi li jissostanzjaw din l-imputazzjoni. Mhux talli hekk, talli kif gia sottolineat l-istess Andreana Gellel in kontro-ezami taghmilha cara li l-imputati fl-ebda hin ma influwenzawha biex tvarja, tbiddel jew taqleb xi konkluzjoni milli hi kienet waslet ghaliha. Mir-rapport ma biddlet xejn u lanqas ma hasset li kellha tibdel. Tkompli tghid li hija fl-ebda hin ma hassitha mhedda minkejja li l-imputati qalulha b'mod car li ma qablux mal-konkluzjonijiet fir-rapport taghha ghax ma kienx fl-interess tat-tfal.[14] Apparti minn hekk meta l-Appogg rceviet it-telefonata fis-sistema on call taghha u din ingabet ghall-konjizzjoni tal-istess Gellel, hija mill-ewwel infurmat lill-Imhallef bil-kontenut ta' din it-telefonata u anke talbet direzzjonijiet minghandu dwar kif kellha timxi.[15] Din il-Qorti ghalhekk ma tarax kif dan ir-reat jista' jirrizulta fic-cirkostanzi.

**Is-Sitt Imputazzjoni –**
**Uzu Hazin tal-Mezzi ta' Telekomunikazzjoni (Artikoli 48(1)(d) u 49(a)(b) u (c) tal-Kap 399)**

Din is-sitt imputazzjoni jidher li qed tirreferi ghar-reati kontemplati mill-artikolu 48(1)(d) u 49 (c) tal-Kap. 399. Rigward l-artikolu 48(1)(d) din l-Qorti taghmel taghha dak elaborat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Dr Etienne Calleja*** moghtija fit-22 ta' Awissu 2007. Il-Qorti kienet ikkumentat hekk b'rabta ma' dan l-artikolu:

[14] Fol. 366 tal-process.
[15] Fol. 371 tal-process.

*"Illi l-ewwel aggravju tal-appellant hu li l-akkuza kif impostata (Sic!) ma tinkwadrax ruha fl-artikolu 35(1)(d) tal-Kap.399 [illum artikolu 48(1)(d)]. Illi l-akkuza kif dedotta kontra l-appellant u li taghha nstab hati mhix dik kontravvenzjonali ta' min jaghmel lil haddiehor theddid mhux imsemmi band' ohra fil-Kodici Kriminali kontemplata fl-artikolu 339 (e) tal-Kap. 9, imma akkuza li tidher, kemm mid-dicitura taghha kif ukoll mill-artikolu citat mill-Ewwel Qorti, bazata fuq l-art. 35 (1) (d) tal-Kap.399, l-Att biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elettronici (qabel imsejjah Att biex Jirregola t-Telekomunikazzjoni, Att XXXIII tal-1997 kif emendat bl-Att XIX tal-1998; XVIII tal-2000; VI tal-2001; XXVII tal-2002 ; IX tal-2003 u VII tal-2004).*

*Dan is-sub-sub inciz jghid li persuna li tuza xi network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih, jew tittraskura milli tosserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahrugu minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici jew inkella tuzah b' mod mhux kif imiss, tkun hatja ta' reat that dak l-Att u tista', meta tinstab hatja, tehel multa ta' mhux izjed minn LM10,000 (qabel LM5000) u fil-kaz ta' reat permanenti ghal multa ta' mhux izjed minn LM200 ghal kull jum li matulu jkompli r-reat.*

*....*

*Issa dan is-sub sub-inciz jigi wara tlieta' ohra (a) (b) u ( c) li fihom fis-sustanza wiehed isib ir-reati kontemplati fl-artikolu 34 (1) kif kien qabel l-emendi li saru bl-Att VII tas-sena 2004, meta dawn ingabru fl-erba sub incizi tal-artikolu 35 (1) illum (u kif kienu vigenti fiz-zmien tal-allegat reat) Dawn huma r-reati segwenti :- (a) ta' min jibni, isewwi izomm f' kondizzjoni tajba , jibdel jew jikkontrolla xi apparat jew installazzjoni minghajr ma jkollu xi kwalifika mehtiega ghal dak l-iskop (b) ta' min ibiegh jew joffri ghall-biegh jew jipprovdi jew jistalla jew juza xi istallazzjoni jew apparat li ma jkunx jikkonforma ma tali standards jew specifikazzjonijiet teknici skond ma huma mehtiega jew stabbiliti f' dak l-Att jew tahtu; jew ikollu tassew ragjonevolment ghaliex jahseb li jkun difettuz jew inkompatibbli mas-servizzi li dwarhom ikunu imbieghu, gew provvduti, installati jew uzati , u (c) ta' min jipprovdi xi servizz ta' komunikazzjonijiet elettronici jew jistalla jew ihaddem xi network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici bi ksur ta' xi dispozizzjoni ta' dak l-Att jew bi ksur ta' xi kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni imposti b' dak l-Att jew tahtu*

*Illi dawn ir-reati w ohrajn li jinsabu fis-subartikoli (2) (3) u (4) huma deskritti fin-nota marginali bhala "Reati ta' xorta kriminali specifici ghall-komunikazzjonijiet elettronici" (emfasi ta' din il-Qorti)*

*Illi moqri fid-dawl tal-import tas-sub sub-incizi (a) (b) (c) li jippreceduh, u tas-sub artikolu (2) (3) u (4) li jsegwuh jidher car li s-sub sub inciz (d) qed jikkontempla uzu ta' network jew apparat li bhal dawk li jissemmew qabel, mhumiex awtorizzati, jew ghax mhumiex teknikament korretti, jew ghax ma jsirux minn persuni kwalifikati, jew ghax ma jkunux teknikament kompatibbli ma servizzi ohra, eccetera. Jidher li l-ghan tal-ligi specjali f' dan l-artikolu mhux li johloq jew jippunixxi b' mod aktar sever u gravuz reati kriminali li jinsabu f' ligijiet ohra li jsiru b' mezzi ta' telekomunikazzjoni, kif qed tinterpreta dan is-sub sub inciz (1) (d) tal-artikolu 35 il-Prosekuzzjoni, imma biex tipprevjeni abbuzi ta' natura teknika minn sistemi ta' komunikazzjonijiet elettronici. Bl-applikazzjoni tar-regola tal-interpretazzjoni tal eiusdem generis, jidher car li is-sub sub inciz (d) mhu xejn hlief aspett iehor tar-reati ta' natura teknika kontemplati fis-sub sub-incizi (a) (b) u ( c ) u reati ohra intizi biex jolqtu specifikatament it-thaddim ta' sistemi ta' komunikazzjonijiet elettronici w ma jissema bl-ebda mod u ma jiccentra xejn it-theddid jew addirittura xi tip ta' reat iehor kontemplat f' xi ligi ohra.*

*U bil-fors li jkun hekk ghax ma jaghmilx sens li min jhedded verbalment li xi hadd ikun punibbli b' ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira jew sa xaharejn detenzjoni, mentri jekk it-*

*theddida ssir ukoll verbalment imma bit-telephone ikun passibbli ghall-multa sa ghaxart elef lira Maltin (LM10,000).*

*Hu car ghalhekk li l-kliem " ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih" u "jew tuzah b' mod mhux kif imiss" f' dan is-sub sub-inciz ma jirriferix ghall-kommissjoni ta' xi reat iehor bl-uzu tat-telephone, imma ghall-uzu ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoniijiet elettronici fornut minn impriza mhux ghal-ghan tekniku, awtorizzat, kompatibbi, eccetera, jew ghall xi forma ta' abbuz iehor, imma dejjem fl-isfera tar-reati ta' l-istess natura teknika komprizi fis-sub-sub-incizi (a) (b) u (c) u reati ohra krejati fis-subartikoli (2) (3) u (4) li kollha jirrigwardaw abbuzi ohra bhal min jaghti informazzjoni falza jew qarrieqa (2); ta' impjegat ma' xi impriza li tati informazzjoni dwar messaggi li jsir jaf bihom minnhabba l-kariga li jkollu, jibdel jew jahbi jew jommetti, jdewwem jew jostruwixxi milli jwassal xi messagg jew jeqred xi messagg jew ihassar jew jeqred xi messagg li ma jkunx indirizzat lilu, eccetera (3) jew inkella ta' min jattakka jew jostruwixxi xi impjegat ta' impriza fil-qadi tal-funzjonijiet tieghu (4).*

*Dan ikompli jsahhah il-konvinzjoni ta' din il-Qorti dwar l-ghan veru tar-reati kontemplati f' din it-Taqsima tal-Kap.399."*

Il-fattispecie tal-kaz odjern assolutament ma jinkwadrawx ruhhom taht xi wahda mic-cirkustanzi spegjati mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza ta' Calleja. Dan mhux il-kaz fejn kellna xi abbuz ta' natura teknika minn sistemi ta' komunikazzjonijiet elettronici.

Anke li kieku kellu jitqies li r-reat li kienu qeghdin jikkontemplaw il-Prosekuzzjoni u l-parte civile kienu dawk indikati fl-artikolu 49(a), (b) u (c) tal-Kap. 399 provi f'dan ir-rigward ma tressqu assolutament xejn. Kullma gew prezentati kienu *screenshots* minn konversazzjoni b'messaggi, li ma ingabitx prova li verament kienu intbaghtu minn xi hadd mill-imputati. Dan apparti l-fatt li dawn il-messaggi li intbaghtu ma fihom xejn li din il-Qorti tara li jistghu jattiraw xi sanzjoni penali. Rigward it-telefonata li saret lill-on call tal-Appogg, il-Qorti ghandha biss il-verzjoni ta' Andreana Gellel li ma haditx it-telefonata hi. Il-persuna li hadet din it-telefonata on call baqghet ma gietx ingunta biex tixhed f'dawn il-proceduri. Xehdet biss Ruth Sciberras li kienet ghal kollox sajma mill-fatti relattivi ghall-kaz u ma kienet involuta bl-ebda mod. Ghalhekk dak li tghid Gellel ghar-rigward il-kontenut ta' din it-telefonata huwa purament hearsay li din il-Qorti ma tistax tikkunsidrah. Din l-akkuza ghalhekk assolutament ma tirrizultax.

**<u>Is-Seba' Imputazzjoni –</u>**
**<u>L-Ingurja (Artikolu 339(1)(e)) tal-Kap. 9 (Sic))</u>**

F'din is-seba' imputazzjoni, l-imputati qeghdin jigu akkuzati b'ingurja. Ghalkemm il-Prosekuzzjoni qed tindika li r-riferenza hija ghall-kontravvenzjoni ravvizata taht l-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9, il-kliem tal-

imputazzjoni qieghed jirreferi ghar-reat tal-ingurja. Dan kien ir-reat li kien kontemplat fl-artikolu 252 tal-Kodici Kriminali taghna. Dan l-artikolu illum tnehha mil-legislatur u allura dan ir-reat illum m'ghadux jezisti. Ghalhekk zgur li ma jistax jkun hemm sejbien ta' htija.

Anke jekk ghall-pura grazzja tal-argument b'tigbid tal-immaginazzjoni r-reat addebitat kellu jigu meqjus bhal dak kontravvenzjonali indikat fl-artikolu 339(1)(e), dan ir-reat kien gia preskritt bid-dekors tat-tlett (3) xhur meta giet prezentata l-kawza. L-akkuzi inhargu fl-erbgha (4) ta' Marzu 2019 u l-kondotta lamentata kienet tirrisali ghal bejn it-tnejn (2) ta' Mejju 2017 u s-sitta (6) ta' Gunju 2017. Din l-imputazzjoni ghalhekk ma tirrizultax.

**<u>DECIDE:</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, mhix qieghda issib liz-zewg imputati hatja tal-imputazzjonijiet kollha li gew migjuba fil-konfront taghhom u qieghda ghalhekk tilliberahom minn kull imputazzjoni u htija.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

Margaret De Battista
Deputat Registratur